PRIETKA TAT-TIFEL – Milied 2018

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.

X'lejl sabiħ dan! Qed tħossu bħali? Fil-qalb tiegħi għandi ferħ kbir! Veru li llejla xi ftit imbeżża' għax din l-ewwel prietka tiegħi, imma fl-istess ħin qalbi trid ittir bil-ferħ. Is-soltu bħal dal-ħin inkunu kollha reqdin, għax il-lejl daħal ġmielu. Imma llum ġurnata differenti. Illum, jekk jirnexxielna nibqgħu mqajmin, se naraw dawl kbir.

Qumu, ja ragħajja, għax illum tweldilkom is-Salvatur. Qed inħabbrilkom ferħ kbir, għax illum fil-belt ta' Betlehem twieled il-Messija. Intom li dejjem tgħixu tiġru wara l-merħla mingħajr m'għandkom dar, morru ħa taraw fejn twieled ir-Re tar-Rejiet. Żgur li mhux se tħossukom foqra quddiemu. Żgur li mhux se tħossukom barranin. Se ssibuh fqir iżjed minnkom. Għal dan is-Sultan ħadd ma kellu ftit wisa'. Morru, aqbżu, ifirħu, ja ragħajja.

Qum, belt ta' Betlehem, ifraħ għax illum tweldilkom dak li kien imħabbar sa mill-qedem. Nies ta' Betlehem, qumu minn hemm, għax waqt li kontu reqdin, dawl kbir idda madwarkom. Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir. Nies ta' Betlehem, intom ma lqajtuhx fid-dar tagħkom, iżda ifirħu għax dan il-Messija ma jżommx f'qalbu. Dan il-Messija ma jpattihiex. Ftakru x'kien qalilkom il-profeta: "U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa l-poplu tiegħi, Iżrael".

Qumu, Slaten Maġi, araw l-istilla li se tmexxikom lejn l-Għar ta' Betlehem. Intom ilkom ħafna tfittxu xi sinjal fis-sema. Imma issa Alla sar bniedem. Morru adurawh. Ħallu lil qalbkom timtela bil-ferħ hekk kif taraw l-istilla li tieqaf fuq l-għar ta' Betlehem. Idħlu u ssibu lil Ġesù f'maxtura tal-annimali flimkien ma' Ommu Marija u Ġużeppi. Hekk kif tidħlu, taraw kif qalbkom ittir bil-ferħ u taqgħu għarkupptejkom.

Erodi, lilek m'għandix għax inqajmek, għax bil-biża' li għandek li xi ħadd se jeħodlok it-tron, m'intix torqod. Ifraħ ftit, Erodi, u tibżax. Dan il-Messija ma jrid jeħodlok xejn. Ifraħ u toqgħodx dejjem irrabjat u beżgħan. Ġesù mhux sultan bħalek. Hu fqir, f'għar u mhux f'palazz. Hu mhux moħħu fil-gwerer, imma jġib il-paċi. Għalfejn ma tifraħx ftit magħna? Għalfejn se tfittex li toqtlu?

X'lejl sabiħ kien dak tal-ewwel Milied! L-anġli kollha jkantaw fuq l-għar ta' Betlehem: "Glorja, Glorja, Glorja lil Alla fl-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin maħbuba mill-Mulej". Xi ġmiel! Xi sbuħija! X'paċi!

Imma ngħid jien, kif jista' jkun hemm tant sbuħija f'għar tal-annimali? Kif jista' jkun hemm daqshekk paċi avolja n-nies ma jinteressahomx minn Ġesù? Kif jista' jkun li hemm il-ferħ meta Erodi qed ifittex li joqtlu?

Għeżież, ħafna minna għandna xi ħaġa li ddejjaqna. Kollha kemm aħna għandna xi problema, żgħira jew kbira. Kollha kemm aħna għandna xi ħadd li warrabna. Kollha kemm aħna għandna xi dnub. Imma llejla postna jinsab fl-għar ta' Betlehem. Hemmhekk jidħol min irid.

Ħuti, tkunux bħal Erodi li, għalkemm re, kien jibża' li xi ħadd se jeħodlu t-tron tiegħu. Kemm nisma' nies jgħidu kliem ikrah fuq ħutna l-bnedmin! Kemm nisma' kliem kattiv fuq il-klandestini! Kemm nisma' kliem iebes fuq min jaqa' fl-iżbalji! Min jidħol fl-għar ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi, ma jistax ma jħobbx lill-oħrajn. Inkella jkun bħal Erodi li jfittex li joqtol.

Ħbieb, ma nistgħux noħorġu minn hawn illejla u ma nġibux il-paċi fil-familja tagħna. Ma nistgħux immorru lura d-dar u ma nagħtux tbissima lil xi ħadd li mhux soltu nitbissmulu. Ma nistgħux ma nsibux lil xi ħadd li ngħinuh. Dak hu l-ferħ ta' Betlehem.

Kollha kemm aħna għandna bambin ħelu ġol-maxtura, imma Ġesù hu veru. Ġesù hu tad-demm u l-laħam. Il-bikja tiegħu ma tħalliniex kwieti. Dan il-Milied iridna nġibu ftit ferħ madwarna. Għandek xi ħadd jiġi minnek ma joħroġx mid-dar; ibda mur żuru. Sib xi ġar u agħtih rigal żgħir tal-Milied. Jekk tisma' lil xi ħadd jitkellem ikrah fuq ħaddieħor, kun kuraġġjuż u għid kelma għall-ġid. Tħallix li jkollok persuni li ma tkellimhomx. Xħin tisma' l-aħbarijiet ta' nies imutu jew ibatu, għid talba għalihom, avolja ma tafhomx.

Għax fl-għar ta' Betlehem, għalkemm kollox jidher fqir, hemm teżor kbir. Tinsewx li anki fi djarna, għalkemm hemm tant slaleb, hemm ukoll tant teżori. Hemm tant persuni li jafu jħobbu. Hemm tant persuni li jgħinu oħrajn. Din hi l-istorja sabiħa ta' Betlehem. X'ma nifraħx u nferraħ lilkom! Ħalluni llum ninqeda bi kliem il-poeżija biex naqsam magħkom dan il-ferħ li għandi.

Ġesù twieled bambin ċkejken,
bin Ġużeppi u Marija,
l-anġli kollha ħarġu jxandru
kollhom ferħ f'dinja mifdija.

Kif qatt tista' qalbna tifraħ
jekk madwarna għawġ, biki, lfiq,
stejjer koroh, ġlied u dmija,
anqas f'djarna ma nsibu kwiet?

Imm'int għalhekk fil-faqar ġejt
f'lejl kiesaħ u f'għar imneżża',
biex min f'qalbu jħoss id-dwejjaq
jaf li fejnek ħadd mhu mbeżża'.

Ġew it-tajba, ġew il-ħżiena,
ġew il-maġi u ġew ir-ragħajja,
kulħadd joffri milli għandu
għarkupptejh ħdejn Sid il-ħajja.

X'ma nifraħx, o Bambin ċkejken,
xħin tal-Milied jersaq iż-żmien,
u kulħadd presepju jżejjen
b'siġra ħelwa b'dwal u lwien!

Iżda mhux kulħadd hu bħali,
hawn min qalbu mweġġgħa wisq,
hawn min waħdu jkollu joqgħod,
hawn min tilef imħabba w risq.

Hawn min ħdejn marid fis-sodda
ser iqatta' dal-Milied,

hawn min jixtieq illi kieku
ġo familtu jieqaf il-ġlied.

Hawn min f'ħabs se jgħaddi għomru,
hawn min żbalja u le maħfur,
hawn min safa f'qalbu mkisser,
hawn min fl-inkwiet moħħu jdur.

Iżda dan hu lejl ta' tama
għal kull bniedem ta' did-dinja,
għaliex Alla li sar bniedem,
minn zokk niexef joħroġ rimja.

Għalhekk, ifraħ int li tisma'
mhux biss bl-ikel u r-rigali:
l-ikbar Rigal li rat id-dinja
ġie jitgħabba bl-għelt u l-għali.

Grazzi, grazzi, Bambin tiegħi,
għax għar twelidek mingħajr bieb –
ħalli llejla kulħadd jidħol,
sew jekk għedewwa, sew jekk ħbieb.

Hawn se nieqaf bl-għanja tiegħi
u nħallik torqod ftit ħin,
mhux għax int xi darba torqod:
int Alla bniedem mal-bnedmin!

Viva Ġesù Bambin!

© Bażilika San Ġorġ, Diċembru 2018